

31993D0361

L 149/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.6.1993

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tas-17 ta' Mejju ta' l-1993****dwar l-adeżjoni tal-Komunità għall-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1979 dwar tniġġis ta' l-arja tat-transkonfini fuq medda twila li tikkonċerna l-kontroll ta' emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu jew il-flussi tat-transkonfini tagħhom**

(93/361/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu minn sorsi prinċipli (vetturi u pjanti ta' ħruq kbar);

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s tiegħu,

Billi l-prinċipju li jkun ikkorregġut fil-post stess huwa wieħed mill-għanijiet tal-Protokoll NO<sub>x</sub> għall-Konvenzjoni, li jstabbilixxi b'mod partikolari għan ġenerali ta' stabbilizzar ta' l-emissjonijiet totali ta' ossidi tan-nitroġenu u jipprovdi għall-applikazzjoni ta' emissjonijiet normali u addozzjoni ta' miżuri kontra t-tniġġis, waqt li jirriserva d-dritt li jissikka, jekk hemm obbligazzjonijiet neċessarji għal negożjar sussegwenti;Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-użu ta' l-aħjar teknoloġija disponibbli li ma tirrikjedix spejjeż eċċessivi kif stabbiliti fl-obbligazzjonijiet fundamentali tal-Protokoll, ġew stabbiliti fil-liġi tal-Komunità fl-1984 dwar il-għlieda ta' tniġġis ta' l-arja ta' oriġini industrijali; billi dan l-istess prinċipju sar, mill-1989, il-filosofija bażika għat-tnaqqs ta' emissjonijiet minn vetturi;

Billi l-Artikolu 130(5) tat-Trattat jipprovdi għal koperazzjoni attiva mill-Komunità u l-Istati Membri f'miżuri internazzjonali sabiex jipproteġu l-ambjent; billi, minħabba n-natura tat-tniġġis ta' l-arja tat-transkonfini, huwa fl-interess tal-Komunità li jippar-teċipa f'miżuri internazzjonali maħsuba li jnaqqsu t-tniġġis;

Billi, in vista tad-danni kkważati mill-ambjent u fid-dawl tan-natura tat-transkonfini ta' tniġġis ta' l-arja fuq medda twila minħabba enmissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu, għandu jkun hemm azzjoni konġunta fil-livell internazzjonali; billi l-Komunità għandha taqbel mall-Protokoll dwar it-tnaqqs ta' emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu jew il-flussi tat-transkonfini tagħhom;

Billi l-Komunità hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Essonomika għall-Ewropa tal-Ġnus Magħquda dwar tniġġis ta' l-arja tat-transkonfini fuq medda twila (Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1979) <sup>(4)</sup> u għal wieħed mill-protokoll tal-finanzjar tal-EMEP (Programm ta' koperazzjoni għall-kontroll u evalwazzjoni tat-trasmissjoni fuq medda twila ta' tniġġis ta' l-arja fl-Ewropa).

Billi l-istabbilizzar ta' l-emissjonijiet totali ta' l-ossidi tan-nitroġenu huwa l-ewwel pass importanti; billi hemm il-bżonn li jitnaqqas b'mod sinjifikanti l-livell ta' emissjonijiet kurrenti kemm ta' l-ossidi tan-nitroġenu u tat-tniġġis nitrogenut fil-Komunità' waħda.

Billi l-Artikolu 130 r <sup>(5)</sup> tat-Trattat jipprovdi li miżuri mill-Komunità' għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed u li perikolu ambjentali għandu bħala priorita' tkun ikkoreġġuta f'dak il-post stess; billi dawn il-prinċipji ġew inkorporati, għal dak li jirrigwarda it-tniġġis ta' l-arja, permezz ta' bosta atti legali tal-Komunità' dwar it-tnaqqs ta'

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*<sup>(1)</sup> ĠU C 230, p. 4.9.1991, p. 61<sup>(2)</sup> ĠU Nru. C 150, tal-15.6.1992, p. 226<sup>(3)</sup> ĠU Nru. C 40, tas-17.2.1992, p. 11<sup>(4)</sup> ĠU L 171, tas-27.6.1981, p. 11<sup>(5)</sup> ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, p. 1

Il-Komunità Ekonomika Ewropea hawnhekk taqbel mall-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar tniġġis ta' l-arja ta'

transkonfini fuq medda twila li tikkonċerna l-kontroll ta' emissjonijiet ta' ossidi ta' nitroġinu jew il-flussi tagħhom fit-transkonfini.

It-test tal-Protokoll imsemmi huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-istrument ta' dħul tiegħu in konformita' ma' l-Artikolu 14 tal-Protokoll.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Mejju ta' l-1993.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

J. HILDEN

---